TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 139/17-F

**Giovanni Micallef**

**vs**

**3 Repairs/3 Group**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 t'Awwissu, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' disgħa u erbgħin ewro (€49), rappreżentanti prezz ta' programm li wara li ġie nstallat ma bediex jaħdem tajjeb.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimat sabiex jagħmillu programm ħalli ma jkunx jista' jitniżżel pornografija, minħabba li l-kompjuter tiegħu kien jiġi użat minn minuri. Illi wara li nstallah u ħallsu, dana xorta baqa' bil-problema li seta' wieħed iniżżel dawn l-affarijiet, u minkejja li mar ikellmu, xorta ma ħax sodisfazzjon.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u kif ukoll ma ssottomettiex risposta bil-miktub għal din it-Talba.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, u li għandu raġun għax ma ħax dak li ħallas għalih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' disgħa u erbgħin ewro (€49), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888